

Brussell, 18 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5498/19

PUBLIC 1
INF 9

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - SETTEMBRU
2018

Dan id-dokument jelenka l-atti¹ adottati mill-Kunsill f'Settembru 2018^{2,3}

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

³ Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux legiſlattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'SETTEMBRU 2018

Proċedura bil-miktub li tlestiet fl-4 ta' Settembru 2018

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Deċizzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Settembru 2018 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 ĠU C 314, 6.9.2018, p. 4-4	10826/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: UK
Deċizzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Settembru 2018 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ĠU C 314, 6.9.2018, p. 3-3	10753/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
Deċizzjoni (UE) 2018/1505 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Bulgarija, il-Greċja, il-Litwanja u l-Polonja ĠU L 258, 15.10.2018, p. 3-4	10754/18		

Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-5 ta' Settembru 2018

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-71	21/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur; minbarra: Mhux qed jipparteċipa: UK, IE, DK

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill

L-ispejjeż għat-tħaddim u l-manutenzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS u tal-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS, ser jiġu koperti kollha kemm huma mid-dħul iġġenerat mit-tariffi. Għaldaqstant it-tariffa għandha tiġi adattata kif meħtieġ, b'kont meħud tal-ispejjeż. Dan jinkludi kemm l-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri tal-UE kif ukoll dawk imġarrba mill-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen f'dan ir-rigward, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-ETIAS. L-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, l-integrazzjoni tal-infrastruttura tal-fruntieri nazzjonali eżistenti u l-konnessjoni mal-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi kif ukoll l-ospitar tal-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi u l-istabbiliment tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS u tal-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS, inkluż dawk imġarrba minn Stati Membri tal-UE kif ukoll minn Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, ser jitħallsu mill-Fond għas-Sigurtà Interna (Fruentieri u Viża) u s-suċċessur(i) tiegħu rispettivament.

Għalhekk, dawn l-ispejjeż m'għandhomx jiġu kkunsidrati għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen għall-ETIAS skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni rispettiv u l-arranġamenti speċifiċi rilevanti għall-parteeċipazzjoni tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen fl-aġenziji. Dan għandu jiġi kkunsidrat b'mod partikolari fil-kuntest tan-negozjati dwar is-suċċessur(i) tal-Fond għas-Sigurtà Interna (Fruentieri u Viża) u l-arranġamenti speċifiċi għall-parteeċipazzjoni tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta dwar l-arranġamenti speċifiċi previsti fl-Artikolu 95 ta' dan ir-Regolament mingħajr dewmien wara l-adozzjoni tiegħu.

Dikjarazzjoni mill-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka u l-Iżvezja dwar l-Artikolu 86 tar-Regolament li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)

L-Artikolu 86 tar-Regolament tal-ETIAS jaqra:

"Id-dħul iġġenerat mill-ETIAS għandi jikkostitwixxu dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012. Dan għandu jiġi assenjat biex ikopri l-ispejjeż tat-tħaddim u l-manutenzjoni tal-ETIAS. Kwalunkwe dħul li jibqa' wara li dawn l-ispejjeż jiġu koperti għandu jiġi assenjat lill-baġit tal-Unjoni."

Filwaqt li jirrikonoxxu l-possibbiltà li d-dħul jiġi speċifikat bħala dħul assenjat intern fil-baġit tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-regolament finanzjarju, il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka u l-Iżvezja jixtiequ jenfasizzaw in-natura speċjali tal-ftehim li jiddefinixxi tariffi ġġenerati mill-ETIAS bħala dħul assenjat intern fil-baġit tal-UE, meta jiġi kkunsidrat ukoll li dawn it-tariffi setgħu jagħmlu parti mid-dħul għall-Istati Membri.

Fil-fatt, il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka u l-Iżvezja jixtiequ jikkjarifikaw li l-ftehim attwali għandu jitqies bħala soluzzjoni pragmatika biex l-ispejjeż tat-tħaddim u l-manutenzjoni għall-ETIAS jiġu ffinanzjati mit-tariffi ġġenerati. Fl-istess ħin, il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka u l-Iżvezja jqisu li d-dħul li jibqa' wara li jiġu koperti dawn l-ispejjeż jiġi assenjat lill-baġit tal-UE unikament fis-sens li jżid id-dħul ġenerali tal-baġit tal-UE u li l-ftehim ma jipprevedi ebda possibbiltà li d-dħul li jifdal jintuża għal infiq ieħor fil-baġit tal-UE. Il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka u l-Iżvezja jitolbu lill-Kummissjoni biex tiegħu kont ta' dan fi proposti baġitarji futuri.

Fl-aħħar nett, il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka u l-Iżvezja jenfasizzaw li l-ftehim dwar l-Artikolu 86 tal-ETIAS huwa strettament mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe diskussjoni futura dwar il-finanzjament tal-baġit tal-UE, kemm fir-rigward tal-hekk imsejħa riżorsi interni kif ukoll dawk esterni, u jfakkru lill-partijiet kollha li dawn id-diskussjonijiet jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill u jiġu deċiżi b'unanimità fost l-Istati Membri.

Regolament (UE) 2018/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bil-għan li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) ĠU L 236, 19.9.2018, p. 72-73	22/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur; minbarra: Mhux qed jipparteċipaw: UK, IE, DK
--	-------	------------------------	--

Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-12 ta' Settembru 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1237 tat-12 ta' Settembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 231, 14.9.2018, p. 27-36	11292/18
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1230 tat-12 ta' Settembru 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 231, 14.9.2018, p. 1-10	11294/18
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-13 ta' Settembru 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1238 tat-13 ta' Settembru 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 231, 14.9.2018, p. 37-38	11969/18
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1231 tat-13 ta' Settembru 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 231, 14.9.2018, p. 11-12	11973/18

It-3636 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fit-18 ta' Settembru 2018

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2018</i> Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2018 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ĠU C 335, 20.9.2018, p. 1-1	11767/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1269 tat-18 ta' Settembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banka Slovenije ĠU L 238, 21.9.2018, p. 86-86	11220/18
<i>Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2018/001 NL/Attivitajiet fis-servizzi finanzjarji)</i> Deċiżjoni (UE) 2018/1675 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni min-Netherlands - EGF/2018/001 /Attivitajiet tas-servizzi finanzjarji ĠU L 284, 12.11.2018, p. 36-37	11780/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - politika dwar il-viżi tan-Norveġja</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	12291/18

<p><i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - ġestjoni min-Norveġja tal-fruntiera esterna</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni għall-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni</p>	12289/18
<p><i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - kooperazzjoni tal-pulizija fin-Norveġja</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tar-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija</p>	12290/18
<p><i>Rakkomandazzjoni dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen - Iżlanda, Protezzjoni tad-data</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżlanda dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data</p>	12288/18
<p><i>Rakkomandazzjoni dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen - Spanja, Ritorn</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 ta' Spanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn</p>	12287/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ bejn l-UE u l-Georgia</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1303 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-laqgħa tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, dwar l-aġġornament tal-Anness III (Approssimazzjoni) dwar regoli applikabbli għall-istandardizzazzjoni, l-akkreditazzjoni, il-valutazzjoni tal-konformità, ir-regolament u l-metroloġija teknika, u l-Anness XVI (Akkwist Pubbliku) għall-Ftehim ĠU L 244, 28.9.2018, p. 81-106</p>	10108/18

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċina b'rabta mal-każ 492 ta' Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1252 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina frabta ma' DS492 Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam</p> <p>ĠU L 237, 20.9.2018, p. 2-2</p>	10881/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet strateġiċi mat-Tuneżija 2018-2020</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija għall-perijodu 2018-2020</p>	11092/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk 2013-2017</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplementa l-istatus avanzat (2013-2017)</p>	10832/18
<p><i>Konklużjonijiet li Jsaħħu s-Sħubija Strateġika NU-UE dwar Operazzjonijiet ta' Paċi u Ġestjoni tal-Kriżijiet: Prijoritajiet 2019-2021</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet: Prijoritajiet 2019-2021</p>	12264/18
<p><i>Missjoni EUCAP Sahel Niger - estensjoni bla spejjeż - Deċiżjoni</i></p> <p>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1247 tat-18 ta' Settembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)</p> <p>ĠU L 235, 19.9.2018, p. 7-8</p>	11165/18

<p><i>Azzjoni tal-UE b'appoġġ għall-UNVIM fil-Jemen - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1249 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Jemen ĠU L 235, 19.9.2018, p. 14-20</p>	11398/18
<p>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1248 tat-18 ta' Settembru 2018 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani ĠU L 235, 19.9.2018, p. 9-13</p>	11197/18
<p><i>Miżuri restrittivi kontra l-Libja - traspożizzjoni ta' miżuri tan-NU - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1250 tat-18 ta' Settembru 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 235, 19.9.2018, p. 21-23 (</p>	12081/18
<p><i>Miżuri restrittivi kontra l-Libja - traspożizzjoni ta' miżuri tan-NU - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1245 tat-18 ta' Settembru 2018 li jimplimenta l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 235, 19.9.2018, p. 1-2</p>	12084/18
<p><i>Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ftehim mal-Oman dwar it-Trasport bl-Ajru</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni li tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u s-Saltna tal-Oman, fir-rigward ta' materji li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni</p>	11258/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim mal-ASECNA</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1603 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u fil-Madagascar (ASECNA) dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili ĠU L 268, 26.10.2018, p. 1-2</p>	11351/17

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim mal-ASECNA</i> Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u fil-Madagascar (ASECNA) dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili ĠU L 268, 26.10.2018, p. 3-15</p>	13661/16
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Istati Uniti tal-Amerka</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1578 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar l-estensjoni tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka ĠU L 263, 22.10.2018, p. 1-2</p>	8166/18
<p><i>Regolament li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1277 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur ĠU L 239, 24.9.2018, p. 1-3</p>	11846/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim għall-prevenzjoni tas-Sajd mhux regolat f'ibħra internazzjonali fl-Oċean Artiku Ċentrali</i> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1257 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali ĠU L 238, 21.9.2018, p. 1-2</p>	10780/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kollegament tal-ETS mal-Iżvizzera - pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1279 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu ĠU L 239, 24.9.2018, p. 8-13</p>	10971/18

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja	
<p>Il-Ġermanja tilqa' l-emendi fit-testi ta' kompromess tal-Presidenza. Fir-rigward tal-emenda fl-Artikolu 1 tal-"abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħhom rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu" il-Ġermanja tixtieq tinnota li l-emendi nnegożjati fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent u riflessi fit-test ta' kompromess tal-Presidenza ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala "bidliet żgħar".</p>	
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fl-Assemblea Ġenerali tal-OTIF (Bern, 25-26 ta' Settembru 2018)</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1296 tat-18 ta' Settembru 2018 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fit-13-il Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għall-Ġarr Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) rigward ċerti emendi għall-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) u għall-Appendiċijiet hemmhekk ĠU L 243, 27.9.2018, p. 11-18</p>	11493/18
Proċedura bil-miktub li tlestiet fl-24 ta' Settembru 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<p>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1289 tal-24 ta' Settembru 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea</p> <p>ĠU L 240, 25.9.2018, p. 61-62</p>	12316/18
<p>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1284 tal-24 ta' Settembru 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea</p> <p>ĠU L 240, 25.9.2018, p. 2-3</p>	12319/18

It-3638 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) li saret Brussell fis-27 u t-28 ta' Settembru 2018

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Regolament dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà</i> Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE ĠU L 250, 4.10.2018, p. 1-20	47/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: PL
<i>Regolament dwar il-Portal Diġitali Uniku</i> Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1-38	41/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: BE
<p>Dikjarazzjoni mill-Belġju</p> <p>Il-Belġju jappoġġa bil-qawwa t-titjib tal-gvern elettroniku, u għalhekk japprova l-oġġettivi tal-proposta ta' Portal Diġitali Uniku biex jitjieb il-funzjonament tas-suq uniku.</p> <p>Madankollu, il-Belġju jixtieq jiffirma r-żewġiżi rigward ir-rekwiżiti lingwistiċi tal-proposta attwali, li mhumiex f'konformità mal-prinċipji bażiċi tar-regoli tal-Belġju dwar il-lingwa applikabbli għall-materji amministrattivi.</p> <p>Ir-regoli tal-Belġju dwar il-lingwa huma ta' natura kostituzzjonali u jesprimu l-impenji u l-ftehimiet fundamentali rigward il-funzjonament tal-awtorità pubblika, ir-relazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-awtorità pubblika, u l-funzjonament tal-istruttura federali tal-Belġju kkaratterizzata minn tliet lingwi uffiċjali u erba' żoni lingwistiċi separati.</p> <p>Il-Belġju jqis li l-awtonomija tal-Istati Membri dwar l-użu tal-lingwi fis-sfera legali pubblika trid tkun garantita.</p>			

<p><i>Regolament dwar in-notifika ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija</i> Regolament (UE) 2018/1504 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea ĠU L 258, 15.10.2018, p. 1-2</p>	46/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
<p><i>Regolament dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488 tat-28 ta' Settembru 2018 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew ĠU L 252, 8.10.2018, p. 1-34</p>	10594/18		
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill li jinfetħu negozjati għall-konklużjoni ta' SFPA u protokoll mar-Repubblika tal-Gambja</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati fisem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli mar-Repubblika tal-Gambja</p>	11355/18		
<p><i>Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 r-Regolament (UE) fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-ispnotta Ewropea</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1308 tat-28 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-ispnotta Ewropea ĠU L 1781, 28.9.2018, p. 1-2</p>	11852/18		

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE rigward it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1485 tat-18 ta' Settembru 2018 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendi għall-Annessi għall-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u għar-Regolamenti annessi għall-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN) ĠU L 251, 5.10.2018, p. 25-27</p>	11722/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat CETA dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat CETA dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit permezz tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, li tistabbilixxi listi ta' individwi li lesti jservu bħala membri tal-bord skont il-Kapitolu Tliet u Għoxrin u l-Kapitolu Erbgħa u Għoxrin tal-Ftehim</p>	11539/18
<p><i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-Ftehim ta' Kooperazzjoni Eurojust/Albanija</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Eurojust tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Albanija</p>	8688/18
<p><i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tissottoporti s-sustanzi psikoattivi l-ġodda ċiklopropilfentanil u metossiaċetilfentanil għal miżuri ta' kontroll</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1463 tat-28 ta' Settembru 2018 li tissottoporti s-sustanzi psikoattivi l-ġodda N-fenil-N-[1-(2-fenilettil)piperidin-4-il]ċiklopropankarbossammid (ċiklopropilfentanil) u 2-metossi-N-fenil-N-[1-(2-fenilettil)piperidin-4-il]aċetammid (metossiaċetilfentanil) għal miżuri ta' kontroll ĠU L 245, 1.10.2018, p. 9-11</p>	9420/18

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fin-NU fisem l-UE b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Konvenzjoni ġdida dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1609 tat-28 ta' Settembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar Kwistjonijiet Doganali li jaffettwaw it-Trasport u fil-Kumitat tat-Trasport Intern tal-UNECE dwar l-adozzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri għall-passiġġieri, għall-bagalji u għall-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija</p> <p>ĠU L 268, 26.10.2018, p. 44-45</p>	12051/18
<p><i>Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-ftehim dwar l-istatus mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija EBCG fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja</i></p> <p>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1535 tat-28 ta' Settembru 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja rigward azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja</p> <p>ĠU L 257, 15.10.2018, p. 23-25</p>	12027/18
<p><i>Regolament eu-LISA: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-inklużjoni fakultattiva tar-Renju Unit</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1600 tat-28 ta' Settembru 2018 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu sehem fu'fud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)</p> <p>ĠU L 267, 25.10.2018, p. 3-5</p>	12040/18

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fis-Sotto-kumitat tad-Dwana UE - Ukrajna</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1486 tat-28 ta' Settembru 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan is-Sottokumitat Doganali stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi Protokoll ġdid li jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ĠU L 251, 5.10.2018, p. 28-32</p>	<p>11794/18</p>
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ażerbajġan dwar il-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Ażerbajġan</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1552 tat-28 ta' Settembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Ażerbajġan ĠU L 260, 17.10.2018, p. 20-21</p>	<p>11431/18</p>
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Libja - rieżami tal-elementi ta' tfixkil</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1465 tat-28 ta' Settembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 245, 1.10.2018, p. 16-16</p>	<p>12053/18</p>